MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2011

Appell Civili Numru. 21/2009/1

**Morgan Ehi Egbomon**
***versus***
**Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-attur Morgan Ehi Ebgomon [“l-Appellant”] minn sentenza li ċaħdet it-talba tiegħu għal rimedju taħt il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”] għax ma sabet ebda ksur tad-drittijiet tiegħu mħarsa taħt l-art. 6 (1), (2) u (3) tal-Konvenzjoni.
2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk:
3. L-Appellant tressaq quddiem il-Qorti Kriminali mixli bir-reat ta’ ħasil ta’ flus wara li kien instab ħiereġ minn

Malta bi flus li ma kienx iddikjara. Fl-att ta' akkuża (numru 16/2009, ippreżentata fir-reġistru tal-Qorti Kriminali fit-13 ta' April 2009) kontra l-Appellant, il-prosekuzzjoni tgħid illi hu jrid jagħmel il-prova illi l-flus ma humiex ġejjin minn reat.

4. Id-dispożizzjoni relevanti tal-liġi hija l-art. 3(3) tal-Att kontra *Money Laundering* ["Kap. 373"] li tgħid hekk:

**3.** (3) Fi proċeduri dwar reat ta' *money laundering* taħt dan l-Att id-disposizzjonijiet tal-artikolu 22(1Ċ)(*b*) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, għandhom ikunu *mutatis mutandis* japplikaw.

5. L-art. 22(1Ċ)(*b*) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi ["Kap. 101"] jgħid hekk:

**22.** (1Ċ) (*b*) Fi proċedimenti għal reat taħt il-paragrafu (*a*) ta' dan is-subartikolu, meta l-prosekuzzjoni ġġib prova li l-imputat jew akkużat ma jkun ta ebda spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, proprjetà jew rikavat ma kenux flus, proprjetà jew rikavat kif deskritti fl-imsemmi paragrafu, l-oneru li jipprova l-provenjenza leċita ta' dawk il-flus, proprjetà jew rikavat tkun tinkombi fuq il-persuna imputata jew akkużata.

6. Dan, igħid l-Appellant, iwassal għal "spostament tal-piż tal-prova" u jċaħħdu wkoll mill-preżunzjoni tal-innoċenza. L-aggravji tiegħu kontra din id-dispożizzjoni tal-liġi jistgħu, essenzjalment u fil-qosor, jinġiebu hekk:

i. il-liġi toħloq presunzjoni mhux biss ta' *mens rea* iżda wkoll tal-*actus reus*, illi l-flus ġejjin minn għajn illeċita;

ii. il-liġi toħloq ukoll obbligu fuq min ikun akkużat b'ħasil ta' flus li, qabel jitressaq il-qorti, jagħti "spjegazzjoni raġonevoli" ta' mnejn ġew il-flus; dan imur kontra l-jedd tiegħu li jibqa' sieket, għax jekk jagħżel li ma jwieġeb għal ebda mistoqsija tal-pulizija ma jkun qiegħed jagħti ebda spjegazzjoni, raġonevoli jew le, u b'hekk tqum il-preżunzjoni kontra tiegħu;

iii. huwa mħolli lill-prosekuzzjoni li tiddeċiedi jekk l-ispjegazzjoni, meta tingħata, tkunx raġonevoli jew le. Jekk l-ispjegazzjoni ma tkunx ingħatat qabel ma dak li jkun ikun tressaq il-qorti, ma tista' tingħata qatt, għax il-prosekuzzjoni ma tistax titkellem ma' min ikun tressaq il-qorti dwar ir-reat li għalih ikun tressaq. Għalhekk, igħid l-Appellant, dan ifisser illi jew l-imputat ikollu bilfors jixhed

waqt il-kumpilazzjoni jew inkella l-ispjegazzjoni trid tingħata bilfors waqt illi l-pulizija tkun għadha tagħmel l-investigazzjoni, u tkun il-pulizija li tiddeċiedi jekk l-ispjegazzjoni hijiex raġonevoli jew le. Wara, jekk il-prosekuzzjoni tgħid li ma kellhiex spjegazzjoni raġonevoli – u jkun biżżejjed li tgħidha l-prosekuzzjoni li ma ħassitx li l-ispjegazzjoni kienet raġonevoli – il-piż tal-prova li juri li l-flus ġejjin minn għejjun leċiti taqa' fuq l-akkużat;

iv. dan igħodd ukoll jekk l-akkużat juri li l-flus ma humiex ġejjin mir-reat "sottostanti" għall-akkuża ta' ħasil ta' flus iżda minn imkien ieħor li ma jkunx leċitu;

v. il-konsegwenza ta' dan kollu, igħid l-Appellant, hija illi jekk l-akkużat jagħżel li jibqa' sieket, bil-piż tal-prova fuqu, jinsab ħati;

vi. l-akkużat lanqas għandu jedd ta' avukat waqt l-investigazzjoni biex jagħtih parir dwar il-konsegwenzi, u t-twissija li jagħtu l-pulizija li għandu l-jedd li ma jitkellimx tista' wkoll tqarraq f'każ bħal dan.

7. L-Appellant ilmenta wkoll kontra l-art. 3(2A) tal-Kap. 373, li jgħid illi l-Avukat Ġenerali jista' jagħżel jekk persuna akkużata b'reat ta' ħasil ta' flus għandhiex tiġi proċessata fil-Qorti Kriminali jew fil-Qorti tal-Maġistrati, u bhekk jagħżel ukoll il-parametri tal-piena. Din, igħid l-appellant, ma hijiex essenzjalment il-funzjoni tiegħu taħt il-Kostituzzjoni imma huwa bħala parti fil-kawża jagħmel ġudizzju – jew pre-ġudizzju – kontra l-akkużat b'deċiżjoni li ma hijiex soġġetta għall-qorti.

8. Għal dawn ir-raġunijiet l-Appellant b'rikors tas-17 ta' April 2007 talab illi l-qorti:

i. tgħid illi l-art. 3(3) u l-art. 3(2A) tal-Kap. 373 u l-art. 22(1C)(*b*) tal-Kap. 101 jiksru l-jedd tiegħu għal smigħ xieraq u għall-preżunzjoni tal-innocenza imħarsa taħt l-art. 6(1), (2) u (3) tal-Konvenzjoni;

ii. tagħti rimedju effettiv, billi fost ħwejjeġ oħra tgħid illi l-artikoli msemmija ma għandhomx japplikaw għall-każ tieghu, u wkoll tordna n-notifika tas-sentenza lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati għal dak kollu li tgħid u trid il-liġi; u

iii. tagħti kumpens għaż-żmien li nżamm arrestat minħabba dan ir-reat.

9. L-Avukat Ġenerali wieġeb fit-28 ta' April 2009 u fid-9 ta' Ġunju 2009. L-eċċezzjonijiet tiegħu, fil-qosor, igħidu hekk:

i. l-Appellant ma nqediex bir-rimedji ordinarju li kellu qabel ma fittex ir-rimedji taħt il-Konvenzjoni;

ii. il-proċess kriminali kontra l-Appellant għadu la nbeda u lanqas intemm; għalhekk, ladarba "l-apprezzament ta' allegazzjoni ta' nuqqas ta' smigħ xieraq tirrikjedi evalwazjoni tal-process penali fl-intier tiegħu, l-azzjoni … … … hija intempestiva";

iii. ma huwiex minnu illi l-art. 3(3) u l-art. 22(1C)(*b*) tal-Kap. 101 iridu spostament tal-piż tal-prova li jċaħħad lill-akkużat mill-preżunzjoni tal-innoċenza, għax:

a. kull ma jagħmlu hu illi, matul is-smigħ tax-xiedha u wara illi l-prosekuzzjoni ġġib prova li ma ngħatat ebda spjegazzjoni raġonevoli li l-flus ma ġewx minn reat kriminali, l-oneru tal-prova ta' dak il-fatt biss (*i.e.* tal-provenjenza leċita tal-flus) taqa' fuq l-imputat jew l-akkużat;

b. il-liġi trid ukoll illi l-qlib tal-oneru tal-prova jibda jseħħ matul il-proċedimenti penali, u ma xxejjinx il-preżunzjoni tal-innoċenza matul l-istadji kollha tal-proċess penali;

c. għalhekk l-aktar li jagħmlu dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi hu illi fis-sitwazzjonijiet imsemmija biss marbuta mar-reat speċjali ta' ħasil ta' flus jaqilbu l-oneru tal-prova ta' fatt fuq l-imputat jew l-akkużat fl-ambitu sħiħ tal-proċess penali fejn l-istess imputat jew akkużat jitqies għall-għanijiet u effetti kollha tal-liġi bħala innoċenti; u

d. l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ["Kap. 319"] fit-Tieni Skeda tiegħu dwar dikjarazzjonijiet u riservi jgħid illi:

Il-Gvern ta' Malta jiddikjara li qiegħed jinterpreta l-paragrafu 2 tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fis-sens illi ma jipprekludix xi liġi partikulari milli timponi fuq xi persuna akkużata taħt dik il-liġi l-piż tal-prova ta' fatti partikolari .

iv. kull preżunzjoni li tista' tinħoloq bis-saħħa ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi ma tikser ebda jedd ta' skiet għax "hija waħda fil-limiti tar-raġonevolezza illi tieħu kont tad-drittijiet tad-difiża u tal-prinċipji tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-prezunzjonijiet";

v. il-Konvenzjoni ma tagħtix il-jedd assolut lill-persuna investigata li jkollha l-għajnuna ta' avukat waqt l-investigazzjoni;

vi. is-setgħa mogħtija lill-Avukat Ġenerali taħt l-art. 3(2A) tal-Kap. 373 ma hijiex dik ta' ġudikant; meta jagħżel il-qorti li quddiemha jinstema' l-każ ma jsirx imħallef jew maġistrat għax ma jiddeċidix jekk l-akkużat jinstabx ħati jew le: dik id-deċiżjoni tittieħed mill-qorti.

10. B'sentenza mogħtija fl-14 ta' Ottubru 2010 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-Avukat Ġenerali u ċaħdet it-talbiet kollha tal-Appellant wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

... … … ma huwiex indikat illi l-ewwel qorti teżerċita s-setgħat tagħha sakemm kienu, jew huma jew għadhom miftuħin għar-rikorrent rimedji oħra adegwati fil-parametri tal-ordinament ġudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni.

Illi kif tajjeb issottometta l-intimat Avukat Ġenerali, kif jirriżulta mill-istess rikors promotur, ir-rikorrenti jinsab akkużat quddiem il-Qorti Kriminali u l-Qorti Kriminali għadha sal-lum ma bdietx tisma' il-kaz tiegħu.

Illi l-qorti tara illi sabiex tista' tiddeċiedi dwar allegazzjoni ta' nuqqas ta' smigħ xieraq hemm bżonn illi tagħmel apprezzament tal-proċess kriminali kollu. Il-qorti tosserva illi r-rikorrenti lanqas biss ma esebixxa kopja legali tal-proċeduri tal-kumpilazzjoni illi huwa għadda minnhom u kull ma ressaq bħala prova kienu biss l-att tal-akkuża u l-istqarrija illi huwa irrilaxxja lill-pulizija.

Illi għalhekk il-qorti ma għandha l-ebda mezz sabiex tara xi provi tressqu matul il-kumpilazzjoni u kif ġiet kondotta d-difiża tar-rikorrenti matul il-kumpilazzjoni. Għalhekk ċertament ma tafx jekk kinux applikati fil-konfront tiegħu ċerti preżunzjonijiet u jekk u kif inqaleb f'ċertu aspetti l-oneru tal-prova.

Illi kif inhu risaput, fi proċess kriminali hemm inferenzi li jistgħu joperaw f'ċerti ċirkostanzi u f'ċerti limiti skond il-liġi.

Illi jeżistu wkoll sitwazzjonijiet fil-ligi kriminali fejn l-oneru tal-prova jiġi spustat fuq min jallega l-eżistenza ta' fatt.

Illi kif diġà ntqal, il-qorti ma tafx kif ġew kondotti l-proċeduri matul il-kumpilazzjoni u wisq anqas ma taf kif ser jiġu kondotti l-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali,

peress illi l-proċess kriminali għadu lanqas biss inbeda quddiem dik il-qorti u għalhekk il-qorti ma tistax tiddetermina kif u taht liema ċirkostanza operaw, jew setgħu joperaw ir-regoli illi r-rikorrenti qiegħed jilmenta dwarhom.
Għalhekk il-qorti tara illi huwa ċertament prematur illi tistħarreġ il-lanjanzi tar-rikorrenti f'dan l-istadju u dan l-argument igħodd aktar u aktar għall-allegazzjoni tar-rikorrenti illi huwa ma għadux preżunt innoċenti.
11. B'rikors tat-2 ta' Novembru 2010 l-Appellant ressaq appell mis-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010 u l-agravju tiegħu huwa illi għamlet ħażin l-ewwel qorti meta ċaħdet it-talbiet tiegħu għar-raġuni biss illi, għax il-proċess kriminali għadu ma nbediex, hija ma tistax tidħol fil-kwistjoni ta' smigħ xieraq. Għamlet ħażin għax l-Appellant qiegħed jattakka liġijiet li jiksru l-jeddijiet fondamentali. Il-liġi ma tridx illi l-ewwel isir ksur tal-jedd fondamentali u mbagħad il-vittma jfittex rimedju iżda tagħti wkoll illi, meta jkun hemm possibbiltà ta' ksur, dak li jkun jikkontesta minn qabel. L-Appellant għamel ukoll referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-qorti fl-1 ta' April 2005 fl-ismijiet <u>Ir-Repubblika ta' Malta *versus* Gregory Robert Eyre *et*</u>, fejn il-qorti daħlet fuq liġi li kienet sejra tiġi applikata waqt ġuri meta l-proċeduri kriminali, għalkemm kienu nbdew, kienu għadhom ma ntemmux.
12. L-Avukat Ġenerali wieġeb fil-15 ta' Novembru 2010. Osserva illi s-sentenza tal-1 ta' April 2005 li fuqha jistrieħ l-Appellant ma tgħoddx għall-każ tallum għax f'dak il-każ il-preżunzjoni kienet irribattibbli waqt illi fil-każ tallum ma hijiex hekk. Kompla josserva wkoll illi:
… … … kif ben irriteniet l-ewwel qorti, sabiex il-qorti tkun tista' tiddeċiedi dwar allegazzjoni ta' nuqqas ta' smigħ xieraq hemm bżonn illi jsir apprezzament tal-proċess kriminali kollu. … … ...
Huwa paċifiku illi fil-proċess penali hemn ċerti inferenzi li jistgħu joperaw f'ċerti ċirkostanzi u f'ċerti limiti regolati mil-liġi. Hemm ukoll sitwazzjonijiet fejn l-oneru ta' prova ta' fatt jiġi spustjat fuq min jallega l-eżistenza ta' tali fatt – dejjem fl-ambitu ta' proċeduri kriminali li jkun qegħdin jiġu mismugħa. La darba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mismugħ u mitmum, għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi jistgħu joperaw ir-regoli illi l-

appellant qiegħed jilmenta dwarhom. Huwa ċertament barra minn loku illi l-ilment tal-appellant jiġi diskuss f'dan l-istadju *in vacuo*. Kif ben irriteniet l-ewwel qorti l-allegazzjoni ta' ksur ta' smigħ xieraq hija ghalhekk f'dan l-istadju intempestiva. Kull apprezzament ta' allegazzjoni ta' nuqqas ta' smigħ xieraq tirrekjedi evalwazzjoni tal-proċess penali fl-intier tiegħu u kull allegazzjoni ta' leżjoni f'dan l-istadju hija biss waħda intempestiva kif iddikjarat l-ewwel qorti.

13. Waqt is-smigħ quddiem din il-qorti fil-31 ta' Jannar 2010, il-partijiet qablu illi ma hemm ebda raġuni ta' nullità tas-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010 għalkemm din ingħatat bil-malti meta l-proċeeduri quddieml-ewwel qorti tmexxew bl-ingliż. Qablu wkoll illi din is-sentenza tallum għandha tingħata bil-malti.

14. Din il-qorti tibda biex tgħid illi r-rimedju taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea huwa rimedju straordinarju. Dan ir-rimedju jingħata biss meta l-liġi ordinarja ma tkunx biżżejjed biex tħares id-drittijiet tal-individwu u għalhekk l-istat ikun naqas fid-dmir tiegħu li jħares dawn id-drittijiet. Ir-rimedji taħt il-liġijiet għall-ħarsien tad-drittijiet fonda-mentali jingħataw biss f'dawk iċ-ċirkostanzi straordinarji, u nkunu qegħdin inwaqqgħu s-siwi ta' dawk id-dispożizzjonijiet jekk ninqdew bihom fejn rimedju taħt il-liġi ordinarja jkun tajjeb u biżżejjed.

15. Fi kliem ieħor, ma tistax tgħid illi l-istat naqas mid-dmir tiegħu li jħares id-drittijiet tal-individwu bis-saħħa tal-ordinament ordinarju qabel ma tkun fittixt li tinqeda bir-rimedji kollha li jagħti dak l-ordinament.

16. Barra minn hekk, il-qrati għandhom ukoll id-dmir li jinterpretaw u japplikaw il-liġi ordinarja b'mod konformi mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni, u jkun biss meta interpretazzjoni bħal dik tkun assolutament u manifestament *contra legem*, u għalhekk ma tkunx possibbli, li tkun tista' tgħid illi applikazzjoni tal-liġi ordinarja twassal inevitabilment għal ksur tal-jeddijiet fondamentali. Kien għalhekk illi din il-qorti, fis-sentenza tal-1 ta' April 2005 fl-ismijiet <u>Ir-Repubblika ta' Malta *versus* Gregory Robert Eyre *et*</u>, kienet sabet ksur ukoll qabel ma ntemm il-proċess penali, għax sabet illi ebda interpretazzjoni tal-liġi ordinarja ma setgħet tkun interpretazzjoni konformi mal-liġi ogħla, partikolarment

għax il-preżunzjoni f'dak il-każ ma kinitx ribattibbli. Dan iżda ma ntweriex fil-każ tallum.

17. Għandu jingħad ukoll illi, ukoll fis-sentenza tal-1 ta' April 2005, il-qorti kienet iċċitat b'approvazzjoni d-*dictum* illi "*The justifiability of any infringement of the presumption of innocence cannot be resolved by any rule of thumb, but on examination of all the facts and circumstances of the particular provision as applied in the particular case*"[1].

18. Il-qorti li tapplika l-liġi ordinarja – fil-każ tallum il-Qorti Kriminali – mela għandha tinterpreta u tapplika d-dispożizzjonijiet tal-liġi attakkati b'mod konformi mal-Konvenzjoni u, qabel ma jkun sar dak l-eżerċizzju fil-każ partikolari, ma tistax tgħid illi hemm, jew sejjer ikun hemm, ksur tal-liġi ogħla.

19. Għalhekk, sewwa qalet l-ewwel qorti illi, qabel ma jkun sar u ntemm il-proċess penali, ikun prematur illi jsir minn din il-qorti l-eżerċizzju li jrid l-Appellant, kemm għax l-Appellant għad għandu għad-dispożizzjoni tiegħu r-rimedji u l-mezzi ta' ħarsien kollha li jagħtih il-proċess penali – u għalhekk għad għandu rimedji taħt il-liġi ordinarja – u kif ukoll għax din il-qorti għadha ma tistax tqis il-proċess penali kollu kemm hu – għax għadu ma sarx – biex tkun tista' tgħid kienx hemm ksur tal-jeddijiet fondamentali, mhux f'episodju iżolat, iżda fil-kuntest tal-proċess meqjus kollu kemm hu u bl-applikazzjoni *in concreto* tad-dispożizzjoniiet tal-liġi attakkati.

20. Għal dawn ir-raġunijiet il-konklużjonijiet milħuqa fis-sentenza appellata huma tajbin u għandhom jiġi konfermati. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-Appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[1] Para. 11 tas-sentenza.